

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2017 – Laufen Austria vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-411/10 RENV) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, tal-Pajjiżi l-Baxxi u Awstrijak tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Multi — Impożizzjoni ‘in solidum’ ta’ multa fuq kumpannija omm u fuq is-sussidjarja tagħha — Limitu massimu ta’ 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Kalkolu tal-limitu massimu skont id-dħul mill-bejgħ biss tas-sussidjarja għall-perijodu ta’ ksur qabel l-akkwist tagħha mill-kumpannija omm”)

(2017/C 357/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Laufen Austria AG (Wilhelmsburg, l-Awstrija) (rappreżentant: E. Navarro Varona, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, F. Jimeno Fernández u F. Castilla Contreras, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa waħda, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/39092 — Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju), u, min-naħa l-oħra, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti f'din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Il-parti tal-multa imposta fuq Laufen Austria AG li għaliha hija tinżamm individwalment responsabbli, abbażi tal-ksur imwettaq matul il-perijodu inkluż bejn it-12 ta' Ottubru 1994 u t-28 ta' Ottubru 1999 hija stabbilita għal EUR 4 788 001.
- 2) Laufen Austria u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu kull waħda minnhom l-ispejjeż proprij tagħhom relatati mal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 6.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2017 – Bayerische Motoren Werke vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-671/14) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna reġjonali għall-investiment — Għajjnuna mill-Ġermanja għal proġett kbir ta' investiment ta' BMW f'Leipzig dwar il-produzzjoni ta' żewġ mudelli ta' vetturi elettriċi (i3 u i8) — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern — Artikolu 107(3)(c) TFUE — Artikolu 108(2) u (3) TFUE — L-effett ta' incensiv tal-għajjnuna — Neċessità tal-għajjnuna”)

(2017/C 357/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bayerische Motoren Werke AG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Rosenthal, G. Drauz u M. Schütte, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Erlbacher, T. Maxian Rusche u R. Sauer, sussegwentement T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Freistaat Sachsen (il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Lübbig u K. Gaßner, avukati) (rappreżentanti: T. Lübbig u K. Gaßner, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjalment tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4531 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA. 32009 (2011/C) (ex 2010/N), li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja qiegħda tippjana li tagħti lil BMW għal proġett kbir ta' investiment f'Leipzig.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bayerische Motoren Werke AG għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Freistaat Sachsen għandu jbat i-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 439, 8.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2017 – VM vs EUIPO – DAT Vermögensmanagement (Vermögensmanufaktur)

(Kawża T-374/15) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Vermögensmanufaktur — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2017/C 357/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: VM Vermögens-Management GmbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Dolde u P. Homann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: DAT Vermögensmanagement GmbH (Baldham, il-Ġermanja) (rappreżentant: H.-G. Stache, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' April 2015 (Każ R 418/2014-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn DAT Vermögensmanagement u VM Vermögens-Management.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) VM Vermögens-Management GmbH għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk esposti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).
- 3) DAT Vermögensmanagement GmbH għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 302, 14.9.2015.